



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6933/22

SOC 126
EMPL 85
ECOFIN 196
EDUC 73

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Marzu 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6473/22	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022 (14 ta' Marzu 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Marzu 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022**

1. FILWAQT LI JENFASIZZA li għalkemm ġie mitigat l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi profonda tal-COVID-19, dan kellu impatt aktar qawwi fuq xi gruppi bħaż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk li għadhom kif bdew jaħdmu , u nies li diġà jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-irkupru ekonomiku kompli jixħet dawl fuq xi sfidi li ilhom jeżistu, b'mod partikolari mil-lat ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċerti gruppi u nuqqasijiet akbar ta' ħaddiema u spariġġ akbar fil-ħiliet. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-pandemija li għaddejja bħalissa qed tkompli tagħmel pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul fl-Istati Membri.
2. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI d-diversi miżuri implimentati mill-Istati Membri u l-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fil-mitigazzjoni tal-effetti marbutin mal-impjiegi u dawk soċjali tal-kriżi tal-COVID-19.
3. FILWAQT LI JILQA' r-rispons ekonomiku tal-Unjoni, inkluż permezz ta' Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u l-istrument ta' rkupru Next Generation EU, u l-fatt li l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati s'issa jinkludu riformi u investimenti sostanzjali fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali.
4. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li l-koordinazzjoni usa' tal-politika ekonomika, dwar l-impjiegi u soċjali ser tissokta fis-Semestru Ewropew fl-2022, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari billi tiġi komplementata l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u billi tibni fuq id-djalogu kostruttiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif ukoll fuq sorveljanza multilaterali effettiva.

5. FILWAQT LI JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika rapporti dwar il-pajjiżi simplifikati u li tippromponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fir-rebbiegħa tal-2022.
6. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li s-Semestru Ewropew ser jibqa' l-qafas ġenerali tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, dwar l-impjiegi u soċjali, filwaqt li jkompli jgħin fl-identifikazzjoni tal-isfidi ta' politika rilevanti, jistabbilixxi prioritajiet ta' politika, jipprovdi gwida politika u jiżgura sorveljanza u monitoraġġ tal-politika, anke bil-ħsieb tal-isfidi strutturali relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-bidla demografika.
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-erba' dimensjonijiet tal-aġenda tal-UE għas-sostenibbiltà kompetittiva (sostenibbiltà ambjentali, produttività, ekwità u stabbiltà makroekonomika) huma rilevanti daqs qatt qabel biex jiggwidaw l-irkupru ekonomiku, u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li għandhom ikunu verament komplementari u ta' appoġġ reċiproku, sabiex l-oportunitajiet jiżdiedu għal kulħadd u ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
8. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għal konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, inkluż billi jintlaħqu l-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u billi jsir użu mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta biex jiġi vvalutat il-progress. FILWAQT LI JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2022 u l-enfasi msaħħa tagħha fuq il-prinċipji tal-Pilastru, kif ukoll l-integrazzjoni tal-miri ewlenin u l-indikaturi ewlenin riveduti tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-proposta bħala parti mis-Semestru Ewropew, f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' Porto.

9. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfassla tajjeb u effettivi, flimkien ma' appoġġ adegwat mis-servizzi pubbliċi tal-impjieg, u miżuri msaħħa dwar it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u t-taħriġ mill-ġdid biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet tal-impjieg, jiġi indirizzat in-nuqqas dejjem jikber ta' ħaddiema, jiġu appoġġati l-irkupru u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ġusti. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejjbu l-eżiti tat-tagħlim u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jissaħħu l-kwalità u r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, anke fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja.
10. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza li titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jitrawwem il-ħolqien ta' impjieg ta' kwalità, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali, it-tisħiħ tal-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa u gruppi oħra li mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu żgurati ambjenti tax-xogħol sikuri, li jkunu adattati għar-rekwiżiti ta' wara l-pandemija, u billi jsiru disponibbli arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż permezz tad-dritt għall-iskonnessjoni.
11. FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol ċentrali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 mingħajr żidiet sinifikanti fir-riskji tal-faqar jew fl-inugwaljanza fl-introjt. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li r-riskji ta' faqar u esklużjoni soċjali jibqgħu għoljin għal ċerti gruppi tal-popolazzjoni, bħall-familji bi tfal inkluż ġenituri waħedhom, persuni qiegħda fit-tul, persuni b'diżabbiltà jew bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul, persuni li ma twildux fl-UE u r-Rom, li jeħtieġu interventi ta' politika mmirati.
12. FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-ħtieġa kontinwa ta' investiment fi protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali adegwati u sostenibbli għal kulħadd, filwaqt li jiġu appoġġati riformi biex jinżammu u jissaħħu l-livelli ta' protezzjoni soċjali, u jittejjbu l-aċċess għal protezzjoni adegwata għal dawk li mhumiex koperti jew mhumiex koperti biżżejjed. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal riformi u investimenti kontinwi fis-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul biex jittejjbu r-reżiljenza, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura.

13. FILWAQT LI JENFASIZZA li djalogu soċjali ta' kwalità għolja u effettiva, kif ukoll l-involvement tas-soċjetà ċivili, huwa prerekwiżit għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea, u għall-iżgurar ta' eżiti ta' politika aktar sostenibbli u inklużivi.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

14. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, u jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.
15. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jinvolvu b'mod sistematiku lis-sħab soċjali u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra b'mod f'waqt u sinifikanti fl-istadji kollha taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew, peress li dan huwa essenzjali għas-suċċess tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika, dwar l-impjiegi u soċjali.
16. JAPPELLA lill-Kummissjoni żżomm is-Semestru Ewropew iffukat fuq il-politiki ekonomiċi, dwar l-impjiegi u soċjali filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata d-duplikazzjonijiet ma' oqfsa oħra ta' governanza.
17. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tislet mir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u mill-evidenza mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta, flimkien ma' analiżijiet oħra speċifiċi għall-pajjiżi u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' djalogu u abbażi tas-Sorveljanza Multilaterali tas-Semestru, biex tidentifika l-isfidi ewlenin fl-UE u fl-Istati Membri biex jiġu kkunsidrati fir-rapporti tal-pajjiżi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
18. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni timmonitorja l-impatti soċjali u fuq l-impjiegi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fil-qafas tas-Semestru Ewropew.
19. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu proċess trasparenti u effettiv ta' sorveljanza multilaterali fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u fil-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill.

20. JINKORAĠĠIXXI lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikomplu l-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-isfidi tal-impjiegi u dawk soċjali, inkluż permezz ta' rieżamijiet tematiċi, diskussjonijiet orizzontali, u tagħlim reċiproku, u f'kooperazzjoni, fejn rilevanti, mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Edukazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f' Livell Għoli.
21. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikomplu l-ħidma tagħhom fuq l-iżvilupp ta' oqfsa ta' monitoraġġ u valutazzjoni komparattiva, u fuq it-tkomplija tal-allinjament tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti.
22. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali sabiex ikomplu jirriflettu dwar il-ħtieġa li jiġu rfinati l-mekkaniżmi multilaterali eżistenti biex ikomplu jiġu identifikati u evitati diverġenzi soċjali fl-Istati Membri tal-UE, inkluż billi jkomplu l-ħidma tagħhom fuq opinjoni għall-Kunsill li teżamina aktar il-possibbiltà li tiġi introdotta Proċedura ta' Żbilanċ Soċjali.